**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Fabian Fleri]**

**vs**

**Dave Delia**

**Kumpilazzjoni Numru: 1098/11**

**Illum, 27 ta' Frar, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Dave Delia detentur tal-karta tal-identita` numru 420994M.

Akkuzat talli:

> Fit-28 ta' Awwissu 2011, ghall-habta ta' 14:15 hrs, gewwa The Willows, Flat 2, Triq l-Iskola, Zabbar, hebb ghal Rennie Muscat detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 77990M u kkagunalu griehi ta' natura gravi skont ma ccertifikat Dr Marquita Camilleri mill-Isptar Mater Dei; u
>
> Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata ghaxra (10) ta' Dicembru elfejn u tnax (2012) fejn inhaseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat taht is-segwenti Artikoli tal-Ligi:-

Rat li l-imputat accetta li dawn il-proceduri jigu trattati minn din il-Qorti bi proceduri sommarji;

Rat l-atti kollha tal-kawza senjatament l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih nhar it-tletin (30) ta' Mejju elfejn u sittax u fejn huwa talab illi jithejja *Pre Sentencing Report* min-naha tal-*probation officer* li diga` kienet qed issegwi lill-imputat fuq proceduri ohra;

Rat ir-rapport tal-*probation officer* Charisse Boffa illi hejjiet ir-rapport wara l-ammissjoni tal-imputat;

Illi f'dan ir-rapport gie konkluz illi:

> ***"Fid-dawl tal-informazzjoni migbura jidher li Dave qieghed f'punt krucjali f'hajtu fejn ser jigi rilaxxat mill-habs u hemm bzonn li jerga' jibda jibni hajtu mill-gdid. F'dan il-kaz odjern l-imputat ammetta r-reat li qieghed jigi migjub kontrih.***
>
> ***Ghaldaqstant minhabba il-gravita' tal-kaz u l-bzonn li l-imputat ikun taht supervizjoni, qed jigi umilment issuggerit li tigi esplorata l-possibilita' li l-ikkoncernat jinghata Ordni ta' Supervizjoni annessa ma' Sentenza Sospiza skont l-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali. Permezz ta' din is-sentenza huwa mahsub li l-imputat ikollu deterrent bizzejjed sabiex izomm 'il boghod mill-kriminalita' u kif ukoll jista' jinghata l-gwida necessarja u jigi accertat li jsir il-progress mistenni hekk kif gie mfassal fil-pjan ta' kura".***

Illi l-Qorti, tenut kont tal-eta` tal-imputat u l-fatt illi huwa ghamel progress notevoli meta kien taht supervizjoni il-habs, taqbel perfettament mal-konkluzjonijiet tal-ufficjal tal-Probation Charisse Ellul.

Ghal dawn il-motivi u fuq ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 533, 214, 216 (1)(b) u 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Dave Delia hati tal-akkuzi kollha kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 qed tikkundannah ghal sena (1) prigunerija li qed jigu sospizi ghal tliet (3) snin, b'dan illi tpoggih taht Ordni ta' Supervizjoni ghal dan il-perijodu.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta, tordna komunika tal-Ordni ta' Supervizjoni annessa mal-odjerna sentenza lid-Direttur tal-Probation Services u Parole.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**